MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 2596/1999/1

**Ian Pace Bardon u Anna Pace Bardon mart l-istess Ian Pace Bardon ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Gozo Channel Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-

attur Kaptan Ian Pace Bardon kien gie mpjegat mas-socjetà konvenuta permezz ta' ittra ta' ingagg datata 9 ta' Gunju 1994 (Dok. A); illi *ai termini* tal-istess ittra Dok. A, l-attur kellu jkollu salarju *gross* ta' tmint elef u hames mitt lira Maltin (Lm8,500) fis-sena, u cioè elfejn u disgha mitt lira Maltin (Lm2,900) izjed mis-salarju tal-kaptana l-ohra impjegati mas-socjetà konvenuta, u dana peress li l-attur kien u ghadu fil-pussess ta' kwalifiki professjonali superjuri ta' dawk tal-kaptana l-ohra impjegati mas-socjetà konvenuta; illi *ai termini* tal-istess Dok. A, l-kundizzjonijiet tal-impjieg l-ohra tal-attur kellhom jigu regolati taht il-kundizzjonijiet tal-ftehim li jirregola l-impjieg tal-kaptana l-ohra impjegati mas-socjetà konvenuta (Dok. B), liema ftehim però skada fl-1 ta' Jannar, 1993; illi l-ftehim Dok. B jipprovdi kemm ghall-*sick leave* u *b*(*e*)*reavement leave*, ghal *days of rest*, *vacation leave* u festi pubblici, kif ukoll ghall-granet minimi li kull kaptan ghandu jahdem fis-sena; illi l-attur effettivament hadem aktar mill-granet minimi ta' xoghol rikjesti mill-imsemmi Dok. B, u ghaldaqstant *ai termini* tal-istess ftehim gie ntitolat ghall-hlas tal-*b*(*e*)*reavement leave* kif ukoll ghas-*sick leave* kif ukoll ghall-*overtime*; illi fit-3 ta' Mejju 1997, miet George Ferris, missier il-mara tal-attur, l-attrici Anna neè Ferris, u ghaldaqstant l-attur kien intitolat ghall-erbat ijiem *b*(*e*)*reavement leave*; illi fit-28 ta' Mejju 1997, miet Anthony Pace Bardon, hu l-attur u ghaldaqstant kien intitolat ghall-erbat ijiem *b*(*e*)*reavement leave*; illi l-attur kien intitolat ghall-wiehed u ghoxrin (21) gurnata *sick leave* mill-11 ta' Dicembru 1996 sal-31 ta' Dicembru 1996 u sitt ijiem *sick leave* mill-1 ta' Jannar 1997 sas-6 ta' Jannar 1997; illi s-socjetà konvenuta ma hallsitx lill-attur ghalkemm interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Settembru, 1999 is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin (lm271) rapprezentanti *b*(*e*)*reavement leave*, is-somma ta' tmien mija u tnax il-lira Maltin (Lm812) rapprezentanti *sick leave*, komplessivament ammontanti ghall-elf u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm1083) lilu spettanti kif fuq spjegat; illi s-socjetà konvenuta ffirmat ftehim gdid fil-5 ta' Awissu 1998 (Dok. C) mal-kaptana l-ohra mpjegati maghha sabiex jigi sostitwit l-ftehim Dok. B u permezz ta' liema ftehim gdid il-kaptana l-ohra mpjegati mas-socjetà konvenuta inghataw zieda sostanzjali fis-salarju taghhom

tant illi b'hekk id-differenza bejn is-salarju originali tal-attur u dik tal-kaptana l-ohra saret inezistenti u dana peress li l-attur ma nghata l-ebda zieda u peress illi permezz tal-istess ftehim, il-kaptana l-ohra impjegati mas-socjetà konvenuta nghataw arretrati fis-salarju taghhom u dawn l-arretrati ma nghatawx lill-attur; illi l-attur kien intitolat skond il-ftehim Dok. C, ghall-tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm361) rapprezentanti *overtime*; illi l-attur ittermina l-impjieg tieghu fit-12 ta' Lulju 1999; talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma komplessiva ta' elf erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1444) dovuti lilhom kif fuq spjegat; 2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1444) dovuti lilhom kif fuq spjegat; 3. Tiddikjara li l-attur kellu d-dritt ghall-zieda fis-salarju tieghu mill-1 ta' Jannar 1998, proporzjonata ghaz-zieda percepita mill-kaptana l-ohra permezz tal-ftehim Dok. C kif ukoll dritt ghall-arretrati li nghataw lill-kaptana l-ohra mpjegati mas-socjetà konvenuta kif ukoll is-somma ta' Lm361 rapprezentanti *overtime*; 4. Tillikwida iz-zieda u l-arretrati spettanti lill-attur sat-12 ta' Lulju, 1999, skond it-talba precedenti; 5. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata skond it-talbiet precedenti; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni, kontra s-socjetà konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Ian Pace Bardon, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda ammont dovut lill-attur ghar-rigward tal-impieg tieghu;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata minn Joe Angileri, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sittax (16) ta' Dicembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
"… tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm361) bhala arretrati ta' *overtime* ghall perjodu bejn Jannar, 1998 u Gunju, 1998 u li l-attur kellu dritt ghal zieda fis-salarju tieghu mill-1 ta' Jannar, 1998, proporzjonata ghaz-zieda percepita mill-kaptana l-ohra permezz tal-ftehim Dok. C fl-ammonti ta' elfejn hames mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm2,581) u elf hames mija u sitt liri Maltin (Lm1,506);

"Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira (Lm361) u z-zieda likwidata skond it-talbiet precedenti.

"Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kwantu ghall zewg terzi ghall-konvenuti u terz ghall-atturi."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm271.17 bhala *bereavement leave* mehud fis-sena 1997; Lm812 bhala *sick leave* ghall perjodu bejn il-11 ta' Dicembru, 1996 u s-6 ta' Jannar, 1997 u Lm361 bhala arretrati ta' *overtime* ghall perjodu bejn Jannar, 1998 u Gunju, 1998. Qed jitlob ukoll li jithallas iz-zieda fis-salarju tieghu mill-1 ta' Jannar, 1998 sat-12 ta' Lulju, 1999, proporzjonata ghaz-zieda percepita mill-kaptana l-ohra permezz tal-ftehim Dok. C. L-attur qed jitlob is-somom ta' Lm2,581 u Lm1,506 bhala zieda.

"Il-konvenuti qed jissottomettu li l-ebda ammont ma huwa dovut ghall *bereavement* u *sick leave* billi dana thallas mas-salarju. L-arretrati ta' Lm361 thallsu, u l-attur ma hux intitolat ghall zieda fis-salarju billi hu ma kienx parti fil-ftehim kollettiv il-gdid li kien japplika ghall kaptana l-ohra.

"**Dwar il-*bereavement leave* u *sick leave***

“Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien gie mpjegat a bazi ta’ *personal agreement* Dok A fol. 6 u kellu jircievi salarju ta’ Lm8,500 u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli kienu dawk tal-*collective agreement* Dok B li ghalkemm kien skada però kien ghadu applikabbli billi ma kienx gie iffirmat *collective agreement* iehor gdid.

“L-attur kellu jahdem 225 granet tax-xoghol u jekk jahdem granet *extra* jithallas taghhom. L-attur kellu dritt ghal *special leave* ta’ erbat (4) *working days at full pay* bhala *bereavement leave* u ghoxrin (20) *working days at full pay* bhala *sick leave*.

“F’dan il-kaz l-attur qed jippretendi li kellu jithallas ta’ mitejn u tlieta u sittin (263) *working days* oltre wiehed u ghoxrin (21) gurnata *sick leave*. Il-konvenuti hallsuh biss ta’ mitejn u tlieta u erbghin (243) *working days* billi il-wiehed u ghoxrin (21) gurnata *sick leave* gew imnaqqsa mill-*extra days* li hadem. Il-konvenuti [*sic*] qed isostnu li l-ghoxrin (20) *days sick leave* ghandhom jigu nkluzi fi[l-]mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata li kien obbligat li jahdem skond para. 3 tal-ftehim kollettiv. Il-kumpanija konvenuta qed issostni li effettivament l-attur hadem ghoxrin (20) gurnata *extra* biss. Il-mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata m’ghandhomx x’jaqsmu mas-*sick leave*. Dawn huma granet li l-attur kellu jahdem. Bl-istess ragunament il-kumpanija konvenuta m’accettatx li thallas tmient (8) ijiem *bereavement leave* li hu talab.

“Il-Qorti hi tal-fehma li f’dana l-kaz l-attur mhux intitolat ghall dawn il-granet bhala *sick leave* u *bereavement leave* billi s-*sick leave* u *bereavement leave* kienu parti mill-ftehim b’mod generali u taghhom jithallas fis-salarju dovut (Angileri). Tant hu hekk li meta l-attur kien *sick* bejn Dicembru, 1996 u Jannar, 1997 u meta kellu zewg kazi ta’ mwiet fil-familja, hu thallas is-salarju kollu dovut tax-xahar. Tas-*sick leave* l-attur kien jithallas u ma jnaqqsuhomlux mill-paga.

“Illi l-attur kien intrabat li jahdem mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata tax-xoghol u jithallas ukoll ta’ kull gurnata

*extra* li jahdem aktar mill-mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata, imma dawn irid ikun effettivament hadimhom. Fil-kaz in ezami l-attur hadem biss ghoxrin (20) gurnata *extra* u l-ohrajn ma kienux granet ta' xoghol imma *sick leave*. Tas-*sick leave* l-attur thallas, izda ma tistax tghoddhom bhala granet ta' xoghol *extra*. Is-*sick leave* ma kellux x'jaqsam mal-mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata li ntrabat li jahdem. Meta tigi biex tikkalkola l-granet *extra* li hadem meta tghodd is-*sick leave* [*sic*].

"Ghalhekk dawn l-ammonti mitluba ma jistghux jinghataw lill-atturi.

"**Kwantu ghat-talba ghall arretrati ta' *overtime* ta' Lm361**

"Il-konvenuti qed jissottomettu li dana l-ammont thallas. Joseph Angilleri esebixxa d-dokument JA a fol. 92 minn fejn jirrizulta li ghall perjodu mitlub l-attur thallas Lm218.90 u d-differenza hija dovuta ghat-tnaqqis fejn jirrigwarda l-*overtime* mahdum taht it-tlett kwarti (ara klawsola 35 tad-Dok. C). Il-konvenuti spjegaw li l-ammont fid-Dok JA kellu jkun ta' Lm13,916.89 u mhux Lm14,135.80 u dan billi kien hemm zball fl-addizzjoni. Id-differenza mal P3, ta' Lm195, hija dovuta ghal gimghatejn *allowances* bejn l-14 u l-ahhar ta' Dicembru li thallsu f'Jannar tas-sena 1999.

"Illi skond il P3 a fol. 94, fil-1998 l-attur thallas Lm13,722 u mhux Lm14,135.80 fol. 92 jew Lm13,916.89. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk sarx dan il-pagament u l-oneru tal-prova qieghed fuq il-konvenuti. F'dan il-kaz il-konvenuti gabu biss *statement* li huwa inezatt, hu kontestat mill attur u kontradett minn dokument ufficjali mahrug mill-istess socjetà konvenuta.

"Illi ghalhekk dana l-ammont ghandu jithallas lill-atturi billi l-konvenuti, apparti li kien hemm accettazzjoni li kellu jithallas, il-konvenuti ma gabux provi sodisfacenti biex juru li effettivament huma hallsu l-ammont mitlub.

"**Kwantu ghat-talba l-ohra ta' l-attur biex tigi likwidata z-zieda fis-salarju** mill-1 ta' Jannar 1998, proporzjonata

ghaz-zieda percepita mill-kaptana l-ohra permezz tal-ftehim Dok. C, il-konvenuti qed jikkontendu li l-attur mhux intitolat ghall zieda billi l-attur ma kienx parti mill *collective agreement* il-gdid imma kien taht ftehim personali - Dok A.

“L-attur xehed li bil-ftehim kollettiv Dok C l-kaptana l-ohra nghataw zieda ta’ 20% cirka u b’hekk id-differenza ezistenti bejn is-salarju tieghu u tal-kaptana l-ohra, inqas kwalifikati minnu, saret kwazi inezistenti.

“L-attur xehed li l-kumpanija bdiet tapplika l-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv il-gdid fil-konfront tieghu wkoll. Fil-fatt gie imhallas is-sieghat *overtime* mill-ewwel ta’ Jannar, *extra working days*, *fuel allowance*, *etc*. Effettivament hu waqa’ taht il-*forty (40) hour week* u kwalunkwe gurnata *sick leave* bdiet tigi mhallsa. Ghalhekk fejn jaqblilha l-kumpanija bdiet tapplika l-*agreement* il-gdid fil-konfront tieghu izda fir-rigward tas-salarju baqghet tapplika l-*agreement* antik (ara nota tal-konvenuti para 11).

“L-attur ipproduca dokument Dok PB 7 a fol. 68 li juri li skond ic-*Chairman* il-gdid John Sullivan dan irrikonoxxa li l-attur kellu salarju differenti minhabba l-kwalifiki tieghu u meta ma hax iz-zieda giet krejata anomalija li l-istess *Chairman* intrabat li jissana.
“Fuq dana xehed ukoll Paul Abela, *ex Chairman* tal-*Gozo Channel Co Ltd* bejn il-1992 u l-1997, li qal li l-attur kien gie mpjegat bhala *Master Mariner Class 1* u billi dan kien grad gdid l-attur gie offrut salarju akbar mill-kaptana l-ohra li ma kellhomx dina l-kwalifika. Peress illi s-salarju ta’ dan il-grad kien holoq differenza bejn il-gradi skond il-kwalifiki, din id-differenza bejn is-salarji kellha tibqa’ riflessa anke meta l-kaptana bi kwalifiki anqas kellhom is-salarju taghhom rivedut. Dan ifisser illi s-salarju ta’ l-attur kellu anke jerga jigi rivedut proporzjonalment ma’ tal-kaptana l-ohra (fol 77).

“Joseph Angilieri xehed in kontroezami li l-*agreement* il-gdid ma kienx japplika *in toto* ghall-attur ghax hu kellu *personal agreement* fuq is-salarju. Is-sieghat tax-xoghol kienu regolati bil-*collective agreement* il-gdid. Hu kellu *forty (40) hour week*. Skond id-Dok JA a fol. 92 l-attur

beda jithallas skond il-ftehim kollettiv gdid. Dan ifisser li l-ftehim kollettiv il-gdid kien qed jigi applikat ghall attur b'zieda ta' sieghat ta' xoghol izda minghajr zieda fis-salarju.
"Illi ghalhekk jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur hu intitolat li jizdied fis-salarju proporzjonalment maz zieda li hadu l-kaptana l-ohra bil-ftehim kollettiv gdid Dok C, mhux ghax hu kien parti fil-ftehim kollettiv gdid, (ghalkemm hafna minnu gie applikat fil-konfront tieghu), imma biex tinzamm id-differenza fis-salarju minhabba kwalifiki li kellu l-attur u li qabel kienet riflessa fis-salarju tieghu."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha in kwantu ghat-talbiet dwar il-*bereavement leave* u *sick leave* liema talbiet gew michuda mill-ewwel Onor Qorti, kif ukoll ghar-rigward tat-talba ghal *overtime* liema talba giet accetta[ta] fl-ammont ta' Lm361, izda tirriformaha fir-rigward tat-talbiet ghal zieda fis-salarju tal-attur billi tiddikjara li ebda ammont ma huwa dovut bhala zieda fis-salarju mill-1 ta' Jannar 1998 sa Gunju 1999.

"Dana kollu taht il-provvedimenti li din l-Onor. Qorti jidrilha xierqa u bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati";

Rat ir-risposta u l-appell incidentali ta' l-atturi illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha li filwaqt li tichad l-appell interpost mis-socjetà konvenuta, tilqa' l-appell incidentali tal-atturi u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferm[a]ha in kwantu ghat-talbiet fir-rigward ghal zieda fil-paga tal-attur u cioè it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici u tirrevok[a]ha fil-bqija taghha billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta";

Rat illi s-socjetà konvenuta la pprezentat risposta ghal u anqas ghamlet sottomissjonijiet orali dwar l-appell incidentali ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi s-socjetà konvenuta tikkonsidra ruhha aggravata biss minn dik il-parti tas-sentenza illi permezz taghha gie dikjarat li l-attur kellu dritt ghal zieda fis-salarju bil-proporzjon u fl-ammont kif indikat fis-sentenza appellata. Il-kliem adoperat mis-socjetà konvenuta fir-rikors ta’ appell taghha fir-rigward ta’ dan l-aggravju huma:
“… aspett li s-socjetà konvenuta ssib fuqhiex tilmenta - il-likwidazzjoni taz-zieda moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti”;

In sostenn ta’ dan l-aggravju s-socjetà appellanti ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet fil-paragrafu enumerat tnejn u ghoxrin (22) tar-rikors ta’ appell (fol. 135-6):
(i) fi kliem ir-rikors ta’ appell (paragrafu 22a. tar-rikors ta’ appell):
“… l-ewwel Qorti iddecidiet illi taccetta li l-attur kellu dritt ghal zieda minhabba l-kwalifiki li kellu li ma kienux aktar riflessi fis-salarju tieghu wara li sar il-ftehim kollettiv il-gdid mal-kaptana l-ohra. Dan, wahdu, mhux ezatt”;

(ii) ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell (paragrafu 22b. tar-rikors ta’ appell):
“Il-kundizzjonijiet li kienu jirrigwardaw zieda fid-dhul tal-attur minhabba hinijiet ta’ xoghol godda ma sabu ebda lment fih”;

(iii) dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“Sitwazzjoni finanzjarja … li l-ewwel Onor. Qorti jidher li ma dahlitx fiha huwa li meta l-attur ghamel l-ewwel ftehim li kien dak personali fis-sens li kien uniku ghalih, hu bhala *master mariner* kellu Lm2627 fis-sena aktar mill-kaptana l-ohra”;

(iv) illi, jekk kellu jigi accettat illi l-attur kellu dritt ghal zieda fis-salarju tieghu, din iz-zieda kellu tkun ta’ 3.271% biss;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi, kwantu ghas-sottomissjoni (i), is-socjetà appellanti tghid hekk fil-paragrafu 22a. tar-rikors ta’ appell:
“Il-ftehim kollettiv Dok. C kien rizultat ta’ snin hidma. Jekk wiehed jezamina dan il-ftehim u taghmel paragun mal-ftehim personali li kellu l-attur, isib illi anki wara l-ftehim, l-attur gjà ghandu cirka Lm1000 salarju aktar mill-kaptana l-ohra. Il-paga n-kwistjoni hija ta’ Lm8500 u ghalhekk l-ammont ta’ Lm1000 huwa ammont sostanzjali. Jekk wiehed fuq dan l-ammont imbaghad izid 20 fil-mija l-ammont isir mhux paragonabbli mas-salarju tal-kaptana l-ohra”;

Huwa veru dak illi qed tghid is-socjetà appellanti illi meta dahal fis-sehh l-imsemmi ftehim kollettiv l-attur kellu salarju ta’ cirka Lm1000 fis-sena aktar mill-kaptani l-ohra impjegati taghha. Però, dak illi ma qalitx is-socjetà appellanti fil-parti in ezami tar-rikors ta’ appell huwa illi <u>immedjatament qabel</u> ma dahal fis-sehh l-istess ftehim is-salarju ta’ l-attur kien ta’ aktar minn Lm2600 fis-sena izjed minn dak tal-kaptani l-ohra. F’dan ir-rigward, jinghad hekk fis-sentenza appellata (fol. 129-130):
“… l-attur hu intitolat li jizdied fis-salarju proporzjonalment maz-zieda li hadu l-kaptana l-ohra bil-ftehim kollettiv gdid Dok C … <u>biex tinzamm id-differenza fis-salarju</u> minhabba kwalifiki li kellu l-attur u <u>li qabel kienet riflessa fis-salarju tieghu</u>” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Is-socjetà appellanti ma avanzat ebda argument kontra l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti kontenuta fis-silta appena citata mis-sentenza appellata u dina l-Qorti, ghalhekk mhux sejra tmur kontra l-istess konkluzjoni;

Ikkunsidrat:

Dina l-Qorti hija tal-fehma illi dak illi jinghad fis-sottomissjoni (ii) ma jistax iwassal ghal tnaqqis fiz-zieda fis-salarju ta' l-attur kif stabbilita fis-sentenza appellata. Dana ghaliex, kif qalu tajjeb hafna l-atturi fir-risposta ta' appell taghhom (fol. 141):
"Iz-zidiet indikati mis-socjetà konvenuta fil-paragrafu 22b. tar-rikors ta' appell taghha, kienu zidiet li jispettaw lill-kaptana l-ohra wkoll - ghaliex dawn kienu jirraprezentaw hlas ta' *overtime* mahduma skond il-*collective agreement* gdid - però l-kaptana l-ohra, kif gjà rilevat, ircevew ukoll zieda fis-salarju taghhom" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Is-sottomissjoni (iii) ftit illi xejn timmerita konsiderazzjoni. Jinghad biss illi hija assurda l-asserzjoni tas-socjetà appellanti illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi meta l-attur beda l-impjieg tieghu ma' l-istess socjetà is-salarju tieghu kien ta' "Lm2627 fis-sena aktar mill-kaptana l-ohra". Huwa veru illi fis-sentenza appellata ma tissemmiex l-imsemmija somma ta' Lm2627 izda huwa veru ukoll illi l-ewwel Qorti akkordat iz-zieda fis-salarju ta' l-attur, lamentata mis-socjetà konvenuta, propriju ghaliex hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi kien hemm din id-differenza bejn is-salarju originali ta' l-attur u tal-kaptani l-ohra u ghaliex dehrilha illi, kif già inghad, ghandha "tinzamm id-differenza fis-salarju minhabba kwalifiki li kellu l-attur u li qabel kienet riflessa fis-salarju tieghu";

Ikkunsidrat:

Illi r-ragunijiet avanzati mis-socjetà appellanti in sostenn tas-sottomissjoni (iv) huma kontenuti fil-paragrafi 22d. u 22e. tar-rikors ta' appell. Bazikament, dak illi qed tghid is-socjetà appellanti f'dawn il-paragrafi huwa illi, ghalkemm huwa minnu illi bis-sahha tal-*collective agreement* imsemmi hawn fuq, illi dahal fis-sehh fl-1998, il-kaptana l-ohra hadu zieda ta' 22.9% fuq is-salarju illi kellhom fl-1993, sena qabel beda l-impjieg tieghu l-attur, peress illi din iz-zieda inghatat wara sebgha (7) snin (kalkolu evidentement zbaljat ghaliex bejn l-1993 u l-1998

hemm 5 snin u mhux 7), fir-realtà inghatat zieda ta' 3.271% fis-sena. Ghalhekk - issostni s-socjetà konvenuta - l-attur, *se mai*, kien intitolat ghal zieda fuq is-salarju tieghu ta' Lm8500 ta' "3.71% aktar fis-sena 1998 u l-istess ghas-sena 1999 izda dana biss sa Lulju 1999". Dan ir-ragunament tas-socjetà konvenuta seta' jkun validu biss kieku huwa l-kaz illi s-salarju ta' l-attur ta' Lm8500 fis-sena zdied kull sena bejn l-1993 u l-1998. Dan però ma jirrizultax mill-provi prodotti. Jirrizulta, *invece*, illi sa l-1998 is-salarju baziku ta' l-attur baqa ta' Lm8500 fis-sena;

Ghalhekk, is-sottomissjoni (iv) tas-socjetà appellanti mhix valida;

Ikkunsidrat:

Illi, a skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti tiddikjara illi mhix sejra tikkonsidra l-kontenut tal-paragrafu 22f. tar-rikors ta' appell peress illi fih hemm biss ripetizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula fil-paragrafi 22a. u 22b. illi già gew konsidrati - u respinti - hawn fuq. Infatti, fl-imsemmi paragrafu 22f. jinghad biss hekk:
"IZDA s-socjetà konvenuta tibqa tinsisti illi l-attur ma ghandu dritt ghal ebda zieda billi fi kwalunkwe kaz:

- hu kien gjà beda bi ftehim hafna ahjar mill-kaptana l-ohra kif gie gjà spjegat (para.a)

- kif gjà gie spjegat fil-para, b. l-attur gjà ha ziediet sostanzjali fiz-zmien li kien jahdem mas-socjetà konvenuta."

Ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, l-appell interpost mis-socjetà konvenuta ma jistax jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-atturi kontra s-sentenza appellata, avanzati permezz ta' l-appell incidentali taghhom, jirrigwardaw in-nuqqas ta' akkoljiment ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) talbiet attrici u l-kap ta' l-ispejjes;

L-aggravju ta' l-atturi dwar ic-cahda ta' l-ewwel zewg (2) talbiet attrici huwa fis-sens illi dawn iz-zewg talbiet gew michuda ghaliex, fi kliem l-appell incidentali (fol. 143):
"L-Ewwel Onorabbli Qorti accettat l-argumentazzjonijiet [*sic*] tas-socjetà konvenuta u cioè li t-225 *days* xoghol minimu rikjesti taht il-ftehim kollettiv l-antik kellhom ikunu netti u ma jinkludux *sick leave* u *bereavement leave*. Fl-umili opinjoni tal-esponenti tali argument huwa fallaci u kienet zbaljata l-Ewwel Onorabbli Qorti li accettatu";

Jinghad, qabel xejn, illi l-atturi ghandhom ragun isostnu illi l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel zewg (2) talbiet taghhom ghaliex irriteniet illi l-225 granet ta' xoghol illi l-attur kien obbligat jahdem *ai termini* tal-ftehim dokument B kellhom ikunu netti, jigifieri la jinkludu *sick leave* u anqas *bereavement leave*. Infatti, fis-sentenza appellata jinghad hekk (fol. 127):
"Illi <u>l-attur kien intrabat li jahdem mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata tax-xoghol</u> u jithallas ukoll ta' kull gurnata *extra* li jahdem aktar mill-mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata, <u>imma dawn irid ikun effettivament hadimhom</u>. … Is-*sick leave* ma kellux x'jaqsam mal-mitejn u hamsa u ghoxrin (225) gurnata li ntrabat li jahdem" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineata fis-silta appena citata mis-sentenza appellata ghaliex, kieku kellha ragun l-ewwel Qorti, dik il-parti tal-klawsola numru hdax (11) tal-ftehim dokument B (fol. 10) illi bis-sahha taghha l-attur kien intitolat ghal *20 working days at full pay* kull sena kienet tkun bla effett prattiku. Dan ma jista' qatt ikun il-kaz. L-istess jghodd ghall-*bereavement leave* (klawsola numru 10a. ta' l-imsemmi ftehim, fol. 9). Il-fehma ta' dina l-Qorti f'dan ir-rigward hija imsahha minn dak illi huwa stipulat f'parti ohra mill-imsemmija klawsola 11 hawn riprodotta:
"*If an employee takes less than 8 (eight) days sick leave in a year he shall be given a bonus of Lm25.00*";

Ghalhekk, l-aggravju in ezami ta' l-atturi huwa validu;

Ikkunsidrat:

Illi ma jirrizultax illi s-socjetà konvenuta qed tikkontesta l-kalkoli illi ghamlu l-atturi fil-paragrafu enumerat disgha (9) tad-dikjarazzjoni - konfermata bil-gurament mill-attur - illi takkompanja l-att ta' citazzjoni, u dina l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taccetta l-istess kalkoli. Skond dawn il-kalkoli - maghmula ghall-finijiet ta' l-ewwel zewg (2) talbiet attrici - l-atturi huma kredituri tas-socjetà konvenuta fl-ammont komplessiv ta' elf u tlieta u tmenin lira maltija (Lm1083). Però, permezz ta' l-ewwel zewg (2) talbiet taghhom l-atturi qed jippretendu illi huma kredituri fis-somma ta' elf, erbgha mija u erbgha u erbghin lira maltija (Lm1444), jigifieri tliet mija u wiehed u sittin lira maltija (Lm361) izjed mill-imsemmija somma ta' LM1083. Huwa evidenti illi din id-diskrepanza hija dovuta ghall-fatt illi fl-imsemmija somma ta' Lm1444 l-atturi, certament bi svista, inkludew l-ammont ta' Lm361 "rapprezentanti *overtime*" illi jissemma fit-tielet (3) talba attrici. Fis-sentenza appellata s-socjetà attrici già giet kundannata thallas lill-atturi din is-somma ta' Lm361. Ghalhekk, l-ewwel zewg (2) talbiet attrici sejrin jintlaqghu limitatament ghall-ammont ta' Lm1083;

Ikkunsidrat:

Kwantu ghall-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjes, huwa evidenti illi fis-sentenza appellata l-atturi gew kundannati jhallsu terz (1/3) mill-ispejjes tal-kawza ghaliex l-ewwel Qorti ma laqghetx l-ewwel zewg (2) talbiet attrici. La darba, kif già inghad, dawn it-talbiet issa sejrin jintlaqghu, *sia pure* fil-limiti fuq imsemmija, huwa evidenti illi l-aggravju in ezami huwa validu. Konsegwentement, kwantu ghall-ispejjes tal-kawza koncernanti l-ewwel istanza, hemm lok illi s-sentenza appellata tigi riformata;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell principali tas-socjetà konvenuta billi tichdu u mill-appell incidentali ta' l-atturi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(a) tilqa’ l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ elf u tlieta u tmenin lira maltija (Lm1083);

(b) tirrevokaha kwantu ipprovdiet illi l-atturi ghandhom ihallsu terz (1/3) ta’ l-ispejjes tal-kawza u, minflok, tordna illi l-ispejjes kollha ta’ l-ewwel istanza jigu sopportati mis-socjetà konvenuta;

(c) tikkonfermaha ghall-kumplament (inkluz, ghalhekk, id-data minn meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet).

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza, kemm dawk illi jirrigwardaw l-appell principali u kemm dawk illi jirrigwardaw l-appell incidentali, jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------